MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 22/2012/1

**Kenneth Gafa'**

**v.**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tar-rikorrent Kenneth Gafa' minn sentenza moghtija fis-27 ta' Gunju 2012 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha li

permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talbiet tar-rikorrent appellant b'kull parti tbati l-ispejjez taghha.

**Ir-rikors promotorju tar-rikorrent Kenneth Gafa'**

**2.** Bir-rikors tieghu tal-10 ta' April 2012 ir-rikorrent Kenneth Gafa' talab lill-ewwel Onorabbli Qorti:

"(1) tiddikjara li fil-konfront (tieghu) hemm ksur tal-Artiklu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

"(2) taghti rimedju effettiv u dan billi tordna l-helsien mill-arrest tieghu taht kundizzjonjiet xierqa;

(3) taghtih kumpens morali ghall-vjolazzjoni fuq il-perjodu traskors."

**3.** Illi in sostenn tat-talbiet tieghu fir-rikors promotorju tal-gudizzju ir-rikorrent ghamel is-segwenti premessi ta' fatt:

"1. Illi hu ilu arrestat mill-11 ta' Dicembru 2010, cioe` 15-il xahar u nofs, fuq akkuza ta' omicidju.

"2. Illi huwa ghamel diversi rikorsi ghall-helsien mill-arrest, li dejjem gew michuda. Ir-ragunijiet migjuba mill-Avukat Generali dejjem kienu sterotipati, jew kif jinghad illum, 'cut and paste'. Hekk ukoll kienu konsiderazzjonijiet tal-qrati ta' gurisdizzjoni kriminali.

"3. L-Artiklu 575 tal-Kodici Kriminali kien inbidel, u llum m'ghadux il-kaz li bail ma jistax jinghata ghax l-akkuza hija ta' omicidju. Tant hu hekk li illum hemm diversi imputati b'omicidju li huma bil-helsien mill-arrest. Ta' min isemmi, per ezempju, il-kaz tar-Russa, il-kaz tal-qtil tal-'Bona', u zewg kazijiet ta' qtil f'Hal Qormi, fost ohrajn li diga` kienu fil-passat, fosthom l-aktar maghruf kien dak ta' Lawrence Pullicino.

"4. Illi c-cahdiet tal-liberta` provvisorja llum qed jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-Art. 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea.

5. Il-Qorti Kostituzzjonali diga` ddecidiet kaz simili fejn l-arrest kien ta’ tul tal-istess zmien, u r-reat kien igib il-piena ghall-ghomor (Kolakovic v. Avukat Generali tal-14 ta’ Frar 2011).

6. Illi kif jirrizulta mid-diversi cahdiet tal-liberta` provvisorja, ir-ragunijiet migjuba ma kinux tali li juru li hemm verament htiega processwali. Il-fatt tal-gravita tar-reat li bih ikun akkuzat persuna ma jistax jibqa’ r-raguni valida ghala persuna ghandha tigi arrestata. Il-Qorti Ewropea qalet f’diversi okkazjonijiet li, ghalkemm din tista’ tkun raguni valida fil-bidu, meta jibda ghaddej iz-zmien, l-istat ma jistax jibqa’ jinqeda biha. L-aktar kaz famuz huwa dak ta’ Letellier v. France, li wara ftit xhur fuq akkuza ta’ omicidju ta’ zewgha, u fuq ragunijiet migjuba b’mod inventat mill-prosekuzzjoni, il-Qorti Ewropea sabet ksur tal-Artiklu 5(3) tal-Konvenzjoni.”

**4.** Illi wara l-premessi fuq riprodotti r-rikorrent fir-rikors promotorju tal-gudizzju ghadda sabiex jiccita estensivament mis-sentenza tal-Qorti Ewropea tat-12 ta’ Marzu 2009 **Alexander Makarov v. Russia** u kompla biex ghamel is-segwenti rilievi dwar ir-rimedju li fil-fehma tieghu ghandha taghti l-Qorti fil-kaz li ssib li kien hemm il-vjolazzjoni minnu allegata:

“**Dwar ir-rimedju**

“F’Malta dahlet gurisprudenza li jekk ikun hemm vjolazzjoni tal-Artiklu 5(3) tal-Konvenzjoni, l-atti jintbghatu quddiem il-Qorti Kriminali halli taghti rimedju u helsien mill-arrest. Dan hu zbaljat. Jekk ikun hemm vjolazzjoni, ir-rimedju huwa fl-ewwel lok, wiehed, u cioe`, il-helsien mill-arrest. Anke z-zmien li jghaddi sakemm persuna terga’ tmur quddiem qorti kriminali u tkun ghadha taht arrest ifisser li dik il-vjolazzjoni qed titwal. Kien hemm is-sentenza Mark Stephens v. Malta fuq dan il-punt, fejn il-Qorti sabet ksur anke minhabba sitt ijiem dewmien. Ghalhekk, il-vjolazzjoni ghandha ggib maghha r-rimedju effettiv.”

**Ir-risposta tal-intimat Avukat Generali**

**5.** Fir-risposta tieghu tad-9 ta' Mejju 2012 l-Avukat Generali rribatta l-pretensjonijiet tar-rikorrent billi sostna li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijet minnu moghtija u li fid-dawl taghhom ma kien jirrizulta ebda ksur tad-drittjiet fundamentali tar-rikorrent u li ghalhekk it-talbiet tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

**Is-sentenza appellata.**

**6.** Wara li rriproduciet ir-rikors promotorju tal-gudizzju u r-risposta tal-Avukat Generali l-ewwel Qorti tat sunt tal-fatti tal-kaz fil-qosor, ccitat l-artikoli relevanti tal-Konvenzjoni u tal-Kodici Kriminali, ghamlet rassenja tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Qrati Maltin in materja li dehrilha kienet relevanti u ssoktat taghmel il-konsiderazzonijiet li gejjin:

"Ir-rikorrenti jinsab akkuzat, fost hwejjeg ohra, bl-omicidju ta' Christine Sammut. Ilu detenut in konnessjoni ma' din l-akkuza mit-13 ta' Dicembru 2010 u cioe` tmintax-il xahar.

"Tul id-detenzjoni tieghu ressaq talbiet ghall-helsien mill-arrest f'Mejju tal-2011, f'Gunju tal-2011, f'Awissu tal-2011, f'Settembru tal-2011, f'Novembru tal-2011, quddiem il-Qorti tal-Magistrati u f'Jannar ta' din is-sena (2012) quddiem il-Qorti Kriminali, imbaghad fi Frar 2012 quddiem il-Qorti tal-Magistrati. It-talbiet tieghu kollha gew michuda, wara, wiehed jinnota, oggezzjoni mill-prosekuzzjoni kontenuta f'risposti identici, talba wara l-ohra.

"Il-Qorti ezaminat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija fil-proceduri Kriminali minn Susan Sammut, li tigi qariba tal-vittma u Carisia Sammut, bint il-vittma, li t-tharis tas-sigurta` taghha giet konsistentement ikkunsidrata principalment fic-cahda tal-helsien mill-arrest. Minn dawn it-traskrizzjonijiet u l-istampa li jwasslu tal-personalita` tal-akkuzat rikorrenti odjern li ma sserrahx il-mohh tal-gudikant li huwa qieghed f'pozizzjoni li jiggarantixxi l-kundizzjonijiet tal-Art. 575.

"Monica Macovei fil-"A guide to the implementation of Article 5 of the European Convention on Human Rights", tghid hekk:

" "*The need to prevent crime has been recognised aslegitimate basis for continuing deprivation of liberty where a serious charge is involved, but it must be demonstrated that any concern about further offences being committed is a plausible one and that the measure in the particular case is appropriate. In making an assessment of these matters, all the circumstances of the case and especially the past history and personality of the person concerned must be taken into account.*"

"Ara ukoll Barfuss v. The Czech Republic (31 ta' Lulju 2000).

"Madanakollu, ghalkemm din il-Qorti hi tal-fehma li l-personalita` tar-rikorrenti tista' tkun inkwetanti u ghalhekk tirrendi "relevant" u "sufficient" ir-raguni ghad-detenzjoni tieghu, u hawn, il-Qorti tikkonsidra s-sitwazzjoni tal-bint minuri tal-vittma li tixhed li esperjenzat il-personalita` tar-rikorrenti fl-imgieba tieghu maghha u ma' ommha, kif konfermata ukoll mix-xhieda ta' Susan Sammut, il-Qorti ma tistax tieqaf hemm. Il-Qorti Ewropea, f'cirkostanzi simili, tqis l-oneru mqieghed fuq l-awtoritajiet biex jezercitaw "special diligence" fl-andament tal-proceduri, u dan sabiex id-durata tal-arrest preventiv ma tiggebbidx inutilment ghad-detriment tad-detenut.

"Fil-kaz in ezami, mill-verbali esibiti in atti ma jirrizultax illi l-awtoritajiet naqsu min-naha taghhom fl-ezercizzju ta' "special diligence".

"Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrent.

"Kull parti tbati l-ispejjez taghha."

**L-appell ta' Kenneth Gafa'**

**7.** Ir-rikorrent Kenneth Gafa' hassu aggravat bis-sentenza fuq msemmija tal-ewwel Qorti tas-27 ta' Gunju 2012 u b'rikors tal-5 ta' Lulju 2012 appella minnha quddiem din il-Qorti u talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet kollha tieghu inkluz dak ghar-rimedju, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat appellat.

**8.** L-aggravji tal-appellant jistghu jigu riassunti kif gej:

1) l-ewwel Qorti jidher li assoggettat d-dritt ghall-liberta` tar-rikorrent ghall-prova mill-istess rikorrent li seta' jinghata l-helsien mill-arrest meta l-pozizzjoni korretta hija bil-maqlub u hija l-prosekuzzjoni li fl-oggezzjonijiet li tqajjem trid taghti tali prova li ma tistax tkun bazata fuq *stereotype phrases* izda fuq fatti sostanzjanti.

2) certi konsiderazzjonijiet, bhall-allegata biza' ta' whud mill-familjari tal-allegata vittma, ghandux ir-rikorrent dipendenti meta huwa cittadin Malti li ghandu lil ommu u membri ohra tal-familja li jzuruh il-habs, il-biza' li ma jobdix l-ordnijiet tal-habs, il-fedina penali, ir-recidiva u n-nuqqas ta' affidabilita` tal-karattru tieghu, huma konsiderazzjonijiet irrelevanti.

3) jidher li l-ewwel Qorti meta giet biex tikkunsidra kienx hemm *special diligence* illimitat ruhha ghall-konsiderazzjoni li kien hemm seduti u li r-rikorsi gew trattati, meta dan, skont l-appellant, ma hux bizzejjed ghaliex *special diligence* tirrikjedi li l-persuna detenuta tinghata "korsija preferenzjali" u li jkun hemm aktar heffa mentri l-Kodici Kriminali ma jahsibx ghal dan.

**Ir-risposta tal-intimat appellat Avukat Generali ghall-appell**

**9.** Fir-risposta tieghu tad-19 ta' Lulju 2012 l-intimat Avukat Generali wiegeb ghar-rikors tal-appell billi ssottometta li l-appell tieghu ghandu jigi michud u s-sentenza appellata tigi kkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant u dan ghar-ragunijiet li gejjin:

1) l-Avukat Generali fl-istadji kollha dejjem issostanzja l-oggezzjonijiet tieghu ghall-helsien mill-arrest kif jirrizulta mill-atti esibiti;

2) fil-kaz ta' **Letellier v. France** citat mill-appellant il-Qorti Ewropea sabet ksur ghaliex l-unika raguni li kien baqa' ghac-cahda tal-helsien mill-arrest f'dak il-kaz kienet il-gravita` tal-akkuza u din wahedha giet ritenuta mhux sufficjenti wara li jkun ghadda certu zmien, mentri fil-kaz odjern il-gravita` tal-akkuza qatt ma kienet l-unika raguni ghaliex giet michuda t-talba ghall-helsien mill-arrest,

3) it-trapass ta' numru ta' xhur f'arrest preventiv ma ghandux ikun l-uniku kriterju biex jinghata l-helsien mill-arrest tenut kont li l-perjodu ta' detenzjoni f'dan il-kaz kien fil-limiti ta' dak previst fl-Artikolu 575(5)(6) tal-Kodici Kriminali u ghalhekk konformi mal-ligi apparti l-fatt li mhux minnu li Letellier, li mieghu ir-rikorrent kien qieghed jikkompara l-kaz tieghu, kien ilu biss disa' (9) xhur taht arrest preventiv – kif sostna l-appellant – izda kien ilu hekk detenut ghal sentejn u disa' xhur;

4) il-biza' ta' intralc fil-provi u l-biza tal-harba huma gustifikabbli fil-kuntest tal-kriterji stabbiliti ghall-ghoti tal-liberta` provizorja fil-parametri tal-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea b'dan li l-kaz **Lawrence Gatt v. Malta** ukoll citat mir-rikorrent ma jaghmilx ghall-kaz odjern;

5) il-konsiderazzjonijiet tal-qrati li wassluhom jichdu l-liberta` provizorja huma ferm pertinenti u rikonoxxuti bhala tali anki mill-Qorti Ewropea u dan sabiex jinzamm il-bilanc bejn id-drittijiet tal-persuna detenuta u dawk tas-socjeta` u tal-familja tal-vittma.

6) kuntrarjament ghal dak sottomess mill-appellant il-fedina penali tar-rikorrent, il-fatt li hu recidiv, u n-nuqqas ta' affidabbilita` tieghu huma fatturi relevanti meta wiehed jigi biex jiddeciedi jekk ghandux jinghata l-helsien mill-arrest.

7) ma kienx hemm nuqqas ta’ *special diligence* da parti tal-awtoritajiet fit-tmexxija tal-proceduri kontra l-appellant u c-cahda tat-talba tieghu ghall-helsien mill-arrest kienet dejjem ghal ragunijiet li huma *relevant and sufficient*.

**Fatti tal-kawza**

**10.** Ir-rikorrent appellant tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala qorti istruttorja fl-14 ta’ Dicembru 2010 imputat bir-reat ta’ omicidju volontarju b’arma tan-nar u b’diversi reati ohra ta’ gravita` izghar konnessi mal-kommissjoni tar-reat imsemmi.

**11.** Fl-24 ta’ Marzu 2011 nstemghu 8 xhieda u gie nominat espert biex jezamina c-cellulari tax-xhud Susan Sammut u jesebixxi l-*call* u *sms profiles* u dakinahar l-atti tal-istruttorja intbaghtu lill-Avukat Generali u l-istruttorja giet differita ghall-5 ta’ Mejju 2011. F’din l-ahhar data xehedu 8 persuni ohra fosthom iz-zewg esperti li kkonducew l-awtopsja u zewg esperti tal-ballistika.

**12.** Fil-5 ta’ Mejju 2011 saret ukoll talba ghall-helsien mill-arrest da parti tar-rikorrent. L-Avukat Generali wiegeb ghar-rikors billi oppona t-talba. Ir-ragunijiet migjuba ’l quddiem mill-Avukat Generali kienu s-segwenti: (1) il-provi u xhieda principali kienu ghadhom ma nstemghux (2) hemm biza’ reali ta’ intralc tal-provi u ghas-sigurta` ta’ bint il-vittma u x-xhieda li kien ghad iridu jixhdu (3) ir-rikorrent kellu karattru inaffidabbli u dan b’riferenza ghal CD esibit fl-ahhar seduta (4) kellu fedina penali refrattarja (5) ir-rikorrent kien recidiv (6) ir-reati addebitati lir-rikorrent kienu serji hafna u ta’ natura sensittiva ghall-familja tal-vittma (7) ir-rikorrent ma ghandux impieg fiss u huwa dizokkupat (8) ir-rikorrent ma kienx f’pozizzjoni li jipprovdi garanzija jew sigurta` sufficjenti (9) kien hemm in-necessita` li tigi salvagwardata r-retta amministrazzjoni tal-proceduri kontra r-rikorrent (10) l-Artikolu 575 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi li l-Qorti tkun certa li r-rikorrent ikun jista’ jikkonforma ruhu mal-kriterji kollha hemm imsemmija. L-istruttorja giet differita ghad-19 ta’ Mejju 2011 u fil-frattemp, fl-10 ta’ Mejju 2011 il-Qorti, wara li rat ir-risposta tal-Avukat Generali, cahdet it-talba.

**13.** Rikors iehor li bih intalab il-helsien mill-arrest gie prezentat fit-28 ta’ Gunju 2011 u ghal dan ir-rikors l-Avukat Generali wiegeb fl-1 ta’ Lulju 2011 billi oppona ghat-talba ghal diversi ragunijiet, fosthom dawk gia` msemmija, izda zied ukoll li (11) minn dak inhar li r-rikorrent tressaq il-Qorti diga` ttiehdu passi kontrieh gewwa l-habs ghal akkuzi kontrih ghal theddid kontra ufficjali tal-habs li juri li r-rikorrent ma hux kapaci jobdi u joqghod ghal ordnijiet u li jikkonforma ruhu mar-regoli u jirrispetta l-awtoritajiet u (12) irrizulta mill-investigazzjonijiet li r-rikorrent kien fil-passat ghamel zmien nieqes minn dawn il-Gzejjer minhabba li kellu dejn ta’ flus ma’ diversi persuni fosthom missier il-vittma u li huwa propens jabskondi. Din it-talba tar-rikorrent ghall-helsien mill-arrest giet ukoll michuda mill-Qorti fil-15 ta’ Lulju 2011 u dan peress li ma kienx hemm il-garanziji skont il-ligi f’dak l-istadju.

**14.** Fl-24 ta’ Awwissu 2011 u fid-29 ta’ Settembru 2011 saru zewg rikorsi ohra mir-rikorrent ghall-helsien mill-arrest li ghalihom wiegeb l-Avukat Generali billi oppona t-talba ghall-istess ragunijiet moghtija fir-risposti tieghu precedenti u fiz-zewg okkazjonijiet il-Qorti, wara li rat ir-risposta tal-Avukat Generali, cahdet it-talba u dwar ir-rikors tad-29 ta’ Settembru 2011 irriteniet li l-ghoti tal-helsien kien ghadu prematur minhabba li l-investigazzjonijiet tal-Pulizija kienu ghadhom ma gewx konkjuzi u ghalhekk kien ghad hemm possibilita` ta’ intralc tal-provi.

**15.** Fis-6 ta’ Ottubru 2011 saret seduta ohra fil-kumpilazzjoni li fiha xehedu zewg xhieda ohra u giet trattata t-talba ghall-helsien mill-arrest.

**16.** Fit-28 ta’ Novembru 2011 ir-rikorrent appellant ghamel rikors iehor ghall-helsien mill-arrest li ghalih wiegeb l-Avukat Generali fid-29 ta’ Novembru 2011 u oppona ghat-talba sostanzjalment ghall-istess ragunijiet moghtija fl-okkazjonijiet precedenti.

**17.** Jirrizulta li l-kumpilazzjoni ssoktat b'seduta tal-1 ta' Dicembru 2011 li fiha nstemghu hames (5) xhieda ohra u giet trattata t-talba ghall-helsien mill-arrest li eventwalment inghata digriet dwarha fil-5 ta' Dicembru 2011 li bih il-Qorti cahdet it-talba ghaliex dehrilha li l-istadju kien ghadu wiehed prematur minhabba li l-investigazzjonijiet tal-Pulizija kienu ghadhom ma gewx konkjuzi u ghalhekk kien ghad hemm il-possibilita` ta' intralc tal-provi u dan minbarra l-gravita` u n-natura tar-reat mertu tal-kawza.

**18.** Rikors iehor ghall-helsien mill-arrest sar, din id-darba quddiem il-Qorti Kriminali, fis-16 ta' Jannar 2012 li ghalih wiegeb l-Avukat Generali fis-17 ta' Jannar 2012 billi oggezzjona ghall-helsien mill-arrest ghall-istess ragunijiet moghtija precedentement.

**19.** Wara t-trattazzjoni tar-rikors il-Qorti Kriminali ddekretat it-talba ghall-helsien mill-arrest fl-20 ta' Jannar 2012 billi wara li hadet in konsiderazzjoni (1) ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif rizultanti mill-kumpilazzjoni limitatament ghall-istess talba (2) in-natura tar-reati addebitati lir-rikorrent u l-piena applikabli f'kaz ta' sejbien ta' htija; (3) il-fatt li kien ghad hemm xhud pajzan li kien ghad irid jixhed u li, kif gie spjegat mill-prosekutur, ma setax jigi prodott qabel peress li kien hemm proceduri krminali pendenti kontra tieghui --- li izda dak iz-zmien tad-digriet kienu ntemmu --- dik il-Qorti ddikjarat li peress li ma kienetx sodisfatta li jekk ir-rikorrent jinghata l-helsien mill-arrest f'dak l-istadju ma jkunx hemm periklu serju ta' intralc mar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja kif ravvizat fil-paragrafi (c) sa (e) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 575 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cahdet it-talba ghall-helsien mill-arrest.

**20.** Ir-riferenza tal-Qorti ghall-Artikolu 575(1)(c)(d)(e) ifisser li l-Qorti cahdet it-talba ghar-ragunijiet li kienet tal-fehma li fic-cirkostanzi minnha konstatati kien hemm il-perikllu li r-rikorrent ma josservax xi kondizzjoni li l-Qorti seta' jidhrilha xieraq li timponi, li jinterfereixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew li b'xi mod iehor jintralcja jew jipprova jintralcja l-kors tal-gustizzja fir-rigward tieghu jew xi persuna ohra, u li jikkommetti xi reat iehor.

**21.** Inqas minn xahar wara, u cioe` fis-7 ta’ Frar 2012 regghet saret talba ohra mir-rikorrent din id-darba lill-Qorti tal-Magistrati bhala qorti istruttorja ghall-helsien mill-arrest tieghu wara s-seduta li kien imiss. Ghal darb’ohra l-Avukat Generali oggezzjona ghall-helsien sostanzjalment ghall-istess ragunijiet moghtija minnu precedentement.

**22.** Il-Qorti tal-Magistrati ghal darb’ ohra cahdet it-talba b’digriet dettaljatament motivat tal-14 ta’ Frar 2012. Fid-digriet taghha l-Qorti ddikjarat li kienet qed tillimita l-konsiderazzjonijiet taghha biss ghall-motivi elenkati mill-Avukat Generali li kienu jikkoncernaw il-biza’ dwar is-sigurta` ta’ bint il-vittma, in-natura serja tar-reat addebitat lir-rikorrent u d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 575 tal-Kap. 9 u ghar-ragunijiet, gia` fuq elenkati, li kienet tat il-Qorti Kriminali, fid-digriet taghha tal-20 ta’ Jannar 2012 fuq imsemmi meta cahdet it-talba ghall-helsien mill-arrest. Il-Qorti tal-Magistrati kienet tal-fehma li tenut kont tal-fatt li x-xhud pajzan kien instema’ din ma kienetx ghadha raguni valida sabiex tigi michuda t-talba ghall-helsien mill-arrest izda kienet tal-fehma li c-cirkostanzi tal-kaz, in-natura u l-gravita` tar-reat, il-karattru tar-rikorrent, l-periklu ta’ intralc fil-kors tal-gustizzja jew li jikkometti reat iehor kienu serji bizzejjed sabiex ir-rikorrent jibqa’ jinzamm taht arrest preventiv peress li ma kienetx konvinta li huwa seta’ jaghti l-garanziji sufficjenti kif titlob il-ligi.

**23.** Fit-28 ta’ Frar 2012 sar rikors iehor mir-rikorrent quddiem il-Qorti Kriminali li bih rega’ talabha l-helsien mill-arrest u l-Avukat Generali ghal darb’ ohra oggezzjona ghall-istess ragunjiet li ta precedentement. Wara t-trattazzjoni tar-rikors il-Qorti Kriminali cahdet it-talba b’digriet tal-1 ta’ Marzu 2012 peress li wara li rat ic-cirkostanzi tal-kaz kif rizultanti mill-kumpilazzjoni, in-natura u l-gravita` tar-reat addebitati lir-rikorrent u l-piena applikabbli, u l-fatt li kienet ghadha ma hijiex konvinta li r-rikorrent jista’ jaghti garanziji sufficjenti skont il-ligi, ma kienetx sodisfatta li jekk ir-rikorrent jinghata l-helsien mill-arrest f’dak l-istadju ma jkunx hemm periklu serju ta’ intralc mar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja kif ravvizat fil-paragrafi (c) sa (e) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 575 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-10 ta’ April 2012 gie ntavolat ir-rikors kostituzzjonali odjern.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

*Preliminari*

**24.** Il-Qorti tibda biex tistqarr li ma hi kuntenta xejn bil-kwalita` tal-provi prodotti f’kawza ta’ din ix-xorta fejn hemm fin-nofs id-dritt ghal-liberta` tar-rikorrent li sad-data tar-rikors promotorju tal-gudizzju kien ilu detenut ghall-perjodu ta’ kwazi hmistax (15)-il xahar u nofs liema perjodu kien jehtieg li jigi gustifikat mill-intimat Avukat Generali. Di fatti l-provi prodotti kienu essenzjalment jikkonsistu f’kopja ta’ whud mill-atti tal-kumpilazzjoni, inkluzi r-rikorsi, risposti u digrieti dwar it-talbiet ghall-helsien mill-arrest, u kopji tad-depozizzjonijiet ta’ Susan Sammut, mart hu l-vittma tar-reat, u ta’ Carisa Sammut, bint l-istess vittma. Il-kopja esibita tal-atti tal-kumpilazzjoni thalli certi lakuni dwar x’kien qieghed jigri fl-istruttorja. Inoltre, CD li ripetutament saret riferenza ghaliha matul l-istruttorja b’rabta mal-allegata inaffidabbilita` tar-rikorrent baqghet ma saritx prova taghha jew tal-kontenut taghha. Dak li dejjem aktar jimmeravilja lill-Qorti, imbaghad, huwa l-fatt li tul il-kors tal-istruttorja wahda mir-ragunijiet migjuba ’l quddiem mill-Avukat Generali sabiex jopponi ghall-helsien mill-arrest tar-rikorrent kienet l-allegata fedina penali refrattarja tar-rikorrent u li hu recidiv izda b’danakollu l-fedina penali tar-rikorrent baqghet ma gietx esibita u jidher li, tal-anqas sat-28 ta’ Frar 2012 (fol. 74 tal-process), anqas kienet ghadha giet esibita fl-atti tal-proceduri kriminali.

***L-allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni***

**25.** L-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni huwa intiz sabiex ihares lill-individwu minn detenzjoni arbitrarja. Id-detenzjoni, ghalkemm originarjament skont il-ligi, issir arbitrarja u bi ksur ta’ dan l-artikolu tal-Konvenzjoni meta ma jkunx hemm ragunijiet li oggettivament u ragonevolment jiggustifikaw id-detenzjoni kontinwata tal-

persuna detenuta. Ir-rikorrent qieghed di fatti jilmenta minn ksur fil-konfront tieghu tal-artikolu msemmi ghaliex isostni li meta huwa pprezenta r-rikors tieghu promotorju tal-gudizzju ma kienx ghad hemm ragunijiet sufficjenti li minhabba fihom kellu jibqa' detenut.

**26.** Ghalhekk, sabiex jigi determinat jekk ir-rikorrent ghandux ragun fl-ilment tieghu din il-Qorti trid necessarjament tezamina r-ragunijiet migjuba 'l quddiem mill-awtoritajiet in sostenn tad-detenzjoni kontinwata tar-rikorrent.

**27.** Ir-ragunijiet migjuba 'l quddiem mill-Avukat Generali u mill-qrati kompetenti sabiex jiggustifikaw id-detenzjoni kontinwata tar-rikorrent gia` gew elenkati fid-dettal aktar kmieni f'din is-sentenza u din il-Qorti ser issa tezaminhom *seriatim* sabiex tiddetermina kienux sufficjenti sabiex jiggustifikaw id-detenzjoni kontinwata tar-rikorrent.

1) *il-provi u x-xhieda principali kienu ghadhom ma nstemghux*

**28.** Il-Qorti tqis din ir-raguni bhala oggettivament sufficjenti sabiex tiggustifika l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni inizjali tar-rikorrent izda din ir-raguni wahedha, fin-nuqqas ta' ragunijiet ohra li jiggustifikaw d-detenzjoni, ma tibqax valida appena l-provi u x-xhieda principali jkunu ngabru jew instemghu u fil-kaz odjern jirrizulta li dawn kienu gew akkwiziti fil-proceduri kriminali kontra r-rikorrent u li l-ahhar xhud li l-prosekuzzjoni kienet qed tistenna li jixhed jirrizulta li sal-14 ta' Frar 2012 kien ta x-xhieda tieghu fl-istruttorja[1]. Ghalhekk din ir-raguni minn dik id-data 'l quddiem ma baqghetx wahda li tiggustifika l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tar-rikorrent.

2) *ir-rikorrent kellu karattru inaffidabbli b'riferenza ghal CD allegatament esibita fil-proceduri kriminali, il-fedina penali refrattarja tar-rikorrent, u l-fatt li r-rikorrent kien recidiv*

[1] #4 tad-digriet tal-Qorti Istruttorja tal-14 ta' Frar 2012 fol. 72

**29.** Is-CD li saret riferenza ghaliha f'din ir-raguni u l-fedina penali tar-rikorrent qatt ma gew esibiti f'dawn il-proceduri u anqas saret xi prova ohra li r-rikorrent kien recidiv u dan anqas wara li dak allegat gie espressament kontestat mir-rikorrent. Di fatti fir-rikors tieghu tat-28 ta' Frar 2012[2] ir-rikorrent sostna li huwa kellu kondotta nadifa u insista "Illi hija l-fehma tad-difiza li huwa ingust u zlejali li l-Avukat Generali jibqa' jinsisti u jghid illi l-esponenti ghandu fedina penali refrattarja meta dan mhux hekk u lanqas ma biss giet prezentata fil-proceduri". Ghalhekk il-presupposti fattwali u dokumentali ta' din ir-raguni qatt ma gew pruvati u ghalhekk in kwantu l-inaffidabbilita` tar-rikorrent giet imsejjsa kif inghad din ir-raguni wkoll ikollha necessarjament tigi respinta bhala raguni li tikkonvalida l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tar-rikorrent.

3) *ir-rikorrent ma ghandux impieg fiss u huwa dizokkupat, ma kienx f'pozizzjoni li jipprovdi garanzija jew sigurta` sufficjenti*

**30.** Ir-raguni li r-rikorrent ma ghandux impieg fiss u huwa dizokkupat wahedha ma hix sufficjenti sabiex minhabba fiha jigi michud il-helsien mill-arrest taht garanzija izda flimkien ma ragunijiet ohrajn tista' tiggustifika tali cahda ghal certu zmien dipendenti fuq in-natura tar-ragunijiet l-ohra migjuba 'l quddiem ghal dik ic-cahda. In-natura ta' din ir-raguni, izda, jidher li timplika li r-rikorrent ma kellux minn fejn jaghti garanzija adegwata ghall-helsien mill-arrest u di fatti din kienet raguni ohra li nghatat ghac-cahda tal-helsien mill-arrest. Marbuta ma' din l-ahhar raguni n-nuqqas ta' impieg fiss u d-dizokkupazzjoni tar-rikorrent tista' tkun raguni sufficjenti sabiex ghal xi zmien jigi michud il-helsien mill-arrest. Ghalhekk din ir-raguni trid tigi ezaminata abbinata mar-ragunijiet l-ohrajn moghtija mill-awtoritajiet ghac-cahda tal-helsien tar-rikorrent fil-kuntest tal-perjodu ta' zmien ta' detenzjoni.

4) *wara li r-rikorrent tressaq il-Qorti ttiehdu passi kontrieh gewwa l-habs ghal akkuzi kontrih ghal theddid kontra ufficjali tal-habs li juri li r-rikorrent ma hux kapaci jobdi u*

[2] Fol 74 tal-proċess

*joqghod ghal ordnijiet u li jikkonforma ruhu u jirrispetta l-awtoritajiet*

**31.** Ma jirrizultax li l-fatti sottostanti din ir-raguni gew pruvati la fil-kors tal-proceduri kriminali u anqas fil-kors tal-proceduri ta' llum, izda jirrizulta wkoll li dawn il-fatti allegati anqas gew kontestati mir-rikorrent. Fi kwalunkwe kaz din ir-raguni wahedha, in kwantu tirrifletti fuq il-propensita` o meno tar-rikorrent li jikkonforma ruhu mal-kundizzjonijiet li jistghu jigu imposti fuqu bhala garanzji ghall-helsien mill-arrest, ma tibqax sufficjenti wara certu trapass ta' zmien u huwa biss abbinat ma' ragunijiet ohra li tista' tkun sufficjenti sabiex tiggustifika d-detenzjoni kontinwata ta' persuna akkuzata b'reat kriminali u ghalhekk din ukoll trid tigi ezaminata abbinata mar-ragunijiet l-ohrajn moghtija mill-awtoritajiet ghac-cahda tal-helsien tar-rikorrent fil-kuntest tal-perjodu ta' zmien ta' detenzjoni .

5) *ir-rikorrent kien fil-passat ghamel zmien nieqes minn dawn il-Gzejjer minhabba li kellu dejn ta' flus ma' diversi persuni fosthom missier il-vittma u huwa propens jabskondi*

**32.** L-allegata propensita` tar-rikorrent li jabskondi hi allaccjata mal-allegazzjoni li fil-passat kien ghamel zmien nieqes minn dawn il-Gzejjer minhabba dejn. Din l-ahhar allegazzjoni wkoll qatt ma giet pruvata, la fil-proceduri kriminali u anqas f'dawn il-proceduri minkejja l-kontestazzjoni kategorika tar-rikorrent li esplicitament stieden lill-prosekuzzjoni ggib il-prova ta' dak allegat minnha[3]. In vista ta' dan din il-Qorti ma ssibx din ir-raguni wahda attendibbli sabiex fuqha tigi msejjsa ic-cahda tal-helsien mill-arrest, la wahedha u anqas abbinata ma' xi ragunijiet ohrajn.

6) *il-biza ta' intralc fil-provi, ghas-sigurta` ta' bint il-vittma u xhieda li kienu ghad iridu jixhdu, il-gravita` tar-reati addebitati lir-rikorrent u n-natura sensittiva ghall-familja tal-vittma, u n-necessita` li tigi salvagwardata r-retta amministrazzjoni tal-gustizzja*

[3] Fol. 75 tal-proċess

**33.** Dawn ir-ragunijiet essenzjalment jikkonsistu fil-htiega li tigi mharsa l-integrita` tal-proceduri kriminali kontra r-rikorrent sabiex ma jkunx hemm intralc da parti tar-rikorrent fil-provi prodotti kontra tieghu. Meta jitqies li r-rikorrent hu imputat ta' omicidju volontarju li jgib mieghu il-piena tal-prigunerija ghall-ghomor il-Qorti tqis li l-periklu ta' intralc fil-provi da parti tar-rikorrent huwa periklu reali meta jitqies dak li jirriskja r-rikorrent f'kaz ta' sejbien ta' htija partikolarment meta mill-provi jidher li r-rikorrent kien wera atteggjament intimidatorju fil-konfront mhux biss tal-vittma tal-allegat reat ta' omicidju volontarju izda anki fil-konfront ta' bintha u haddiehor[4].

**34.** Il-periklu ta' intralc fil-provi, izda, jittaffa aktar ma jghaddi z-zmien izda dan irid jigi mkejjel b'riferenza ghal dak li jkun qieghed jirriskja l-imputat, u aktar ma tkun severa l-piena ta' prigunerija komminata ghad-delitt li tieghu ikun imputat aktar jibqa' jipperdura l-periklu ta' intralc fil-provi. Meta jittiehed qies tal-fatt li meta sar ir-rikors odjern ir-rikorrent kien ilu detenut hmistax (15)-il xahar u nofs in konnessjoni ma' imputazzjoni ta' reat li kien jimporta il-piena ta' prigunerija ghal ghomor din il-Qorti ma hix tal-fehma li l-periklu ta' intralc fil-provi kien gie skongrat bit-tul ta' zmien ta' detenzjoni sa dakinhar tal-prezentata tar-rikors promotorju.

**35.** Di fatti il-Qorti Kriminali b'digriet tal-1 ta' Marzu 2012, l-ahhar wiehed qabel gie prezentat ir-rikors odjern, ddikjarat li ma kienetx sodisfatta li jekk ir-rikorrent jinghata l-helsien mill-arrest f'dak l-istadju ma jkunx hemm periklu serju ta' intralc mar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja kif riavvizat fil-paragrafi (c) sa (e) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 575 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` kienet tal-fehma li kien ghad hemm il-periklu li r-rikorrent ma josservax xi kundizzjoni li l-Qorti seta' jidhrilha xieraq li timponi, li jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'xi mod iehor jintralcja jew jipprova jintralcja l-kors

[4] Ara d-depożizzjoni ta' Susan Sammut a fol. 25 et seq u dik ta' Carisa Sammut a fol 30 et seq.

tal-gustizzja fir-rigward tieghu jew xi persuna ohra, u li jikkommetti xi reat iehor.

**36.** Ma’ dan irid jizdied li kemm il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll il-Qorti Kriminali bl-ahhar digrieti taghhom fuq imsemmija kienu tal-fehma li r-rikorrent ma kienx f’pozizzjoni li jaghti garanziji sufficjenti skont il-ligi.

**37.** In kwantu ghad-dover ta’ diligenza partikolari fl-istruzzjoni tal-process l-appellant jilmenta li ebda “korsija preferenzjali” ghal proceduri kriminali fejn l-imputat ikun detenut ma hi mahsuba fil-Kodici Kriminali. Izda l-fatt li d-diligenza rikjesta f’kazijiet bhal dawn ma tkunx espressament mahsuba fil-ligi ma jfissirx necessarjament li din id-diligenza tkun giet nieqsa izda hu bizzejjed li tali diligenza tkun tirrizulta bhala fatt. Fil-kaz odjern kien hemm diversi xhieda li kien jehtieg li jinstemghu[5] kif ukoll kien hemm il-htiega li numru ta’ esperti nominati mill-Qorti jespletaw l-inkarigu taghhom. Kien hemm ukoll il-fatt li xhud partikolari ma setax jigi prodott jixhed fil-kumpilazzjoni qabel ma l-proceduri kriminali kontra tieghu jigu terminati[6]. Fid-dawl ta’ dak kollu premess u tal-progress li jirrizulta li kien sar fil-gabra tal-provi fl-istruttorja sa dakinhhar li gie prezentat ir-rikors odjern din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, ma hix tal-fehma li sad-data tal-prezentata tar-rikors odjern, fil-fattispeci partikolari tal-kaz ta’ llum, kien hemm xi volazzjoni tad-dritt tar-rikorrent sancit bl-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni.

## Decide

Ghall-motivi premessi il-Qorti tichad l-appell tar-rikorrent appellant Kenneth Gafa’ u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti waqt li dawk ta’ din l-istanza jkunu a karigu tal-appellant.

---

[5] Ara #11, #15, #17 *supra*

[6] Ara #19, #22 *supra*

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------